



2016/2247(INI)

20.12.2016

EMENDI 276 - 437

**Abbozz ta' rapport
Danuta Maria Hübner**
(PE589.459v01-00)

L-Unjoni Bankarja - Rapport Annwali 2016
(2016/2247(INI))

Emenda 276

Marco Valli, Marco Zanni

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. *Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;*

Emenda

10. *Jitlob li jkun hemm ir-revoka tal-BRRD fid-dawl tal-fatt li din id-Direttiva diġà wriet li hija ineffettiva u perikoluża għall-investituri, għad-detenturi tal-bonds u għad-depożitanti u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi;*

Or. en

Emenda 277

Mady Delvaux, Costas Mavrides

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. *Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli* dwar l-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali **hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi** sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. *Juri dubji* dwar **jekk ir-regoli attwali** dwar l-għajnuna mill-Istat **hum iex ċari biżżejjed** fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; **jitlob li tingħata definizzjoni tal-proċeduri effiċjenti bejn l-SRB u l-Kummissjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-każ ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari dwar il-perjodu ta' żmien;** huwa tal-fehma li **l-flessibbiltà inkorporata** fil-qafas attwali **jenħtieġ li tiġi kkjarifikata u** sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi **u alternattivi** li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS **kif iddikjarat fl-Artikolu 11(3) u (6) tad-DGSD;**^{2a}

^{2a} ĠU L 173, 12.6.2014, pp.166-167.

Emenda 278
Sander Loones

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; **huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà** biex **jigū indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;**

Emenda

10. **Iqis li hija prijorità li jiġi żgurat li r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat jigū osservati bir-reqqa f'kull ħin meta jigū indirizzati l-kriżijiet bankarji futuri;** ifakkar, **b'mod partikolari,** fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; **jinnota li jehntieg li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti** biex **jiġi evitat il-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu jehntieg li jitwettaq fi ħdan qafas definit b'mod ċar u jehntieg li f'kull każ ikun konformi mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat;**

Emenda 279
Beatrix von Storch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata **biżżejjed** flessibbiltà biex jigū indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din **tista' tiġi** sfruttata **aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;**

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata **aktar** flessibbiltà **milli suppost** biex jigū indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din **il-flessibbiltà hija** sfruttata **bi grad eċċessiv;**

Emenda 280
Tom Vandenkendelaere

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata ***biżżejjed*** flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, ***b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;***

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar,

Emenda 281
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata ***biżżejjed*** flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata ***biżżejjed*** flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar ***mingħajr ma xxekkel ir-riżoluzzjoni ġenwina tal-banek li mhumieq solventi fil-każ ta' deterjorament margġinali tas-suppożizzjonijiet sottostanti tal-linja ta' referenza***, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS; ***jenfasizza l-importanza li jiġi definit***

b'mod tajjeb xenarju sinifikanti ta' kriżi fl-eżerċizzju tat-test tal-istress biex jitkejjel it-telf ipotetiku; jitlob li jiġi introdott "xenarju avvers b'mod sever" addizzjonali, f'konformità mal-metodoloġija sottostanti tal-eżerċizzju tat-test tal-istress fl-Istati Uniti, sabiex tiżdied is-sensittività tax-xenarju avvers fir-rigward ta' flutwazzjonijiet makroekonomiċi aktar ordinarji u r-riskji tas-suq; jinsab imħasseb dwar ir-riskju li jirriżulta mill-profittabbiltà baxxa tal-banek li jista' jiġi aggravat mill-persistenza tal-ambjent ta' rata tal-imgħax baxxa; jitlob li jiġi kkunsidrat dan ir-riskju f'wieħed mix-xenarji sottostanti tal-eżerċizzju tat-test tal-istress; iqis li r-rati tal-imgħax persistentement baxxi jgħorru wkoll ir-riskju li jiġġeneraw likwidità eċċessiva fis-sistema finanzjarja li tista' tirriżulta fl-akkumulazzjoni ta' bżieġaq spekulattivi ġodda; jinsab imħasseb dwar id-dipendenza żejda fuq il-mudelli interni mhux trasparenti biex il-bidliet tal-fatturi makroekonomiċi jissarrfu fil-parametri tar-riskju tal-bank;

Or. en

Emenda 282

Sylvie Goulard, Enrique Calvet Chambon, Lieve Wierinck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank ***u jfakkar li l-appoġġ pubbliku straordinarju għandu jkun biss ta' natura prekawzjonarja u temporanja, u ma jistax jintuża biex jikkumpensa għat-telf li l-istituzzjoni tkun għarrbet jew x'aktarx se għarrab fil-futur qarib***; huwa tal-fehma li

fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS; *ifakkar li rapport li jivvaluta l-ħtieġa kontinwa biex ir-rikapitalizzazzjonijiet prekawzjonarji u l-kondizzjonalità marbuta ma' tali miżuri jkun permessi kellu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2015; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta tali rapport kemm jista' jkun malajr;*

Or. en

Emenda 283
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi u li din tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS; *jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tikkunsidra mill-ġdid l-interpretazzjoni tagħha tar-regoli rilevanti ta' ġhajjnuna mill-Istat fi sforz biex tiggarrantixxi li l-miżuri ta' prevenzjoni pprovduti mil-leġiżlatur Ewropew fid-Direttiva dwar Garanzija tad-Depożiti jistgħu realment jiġu implimentati;*

Or. de

Emenda 284

Fulvio Martusciello

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi ***u li din*** tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi; ***jinnota li sitwazzjonijiet speċifiċi ġew indirizzati b'mod differenti mingħajr ġustifikazzjonijiet ċari; ifakkar li l-flessibbiltà*** tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Or. en

**Emenda 285
Siegfried Mureşan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi ***u li din*** tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS;

Emenda

10. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' bank; huwa tal-fehma li fil-qafas attwali hemm inkorporata biżżejjed flessibbiltà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi ***u li din*** tista' tiġi sfruttata aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi li jinvolvu l-użu ta' fondi DGS; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-fattibbiltà tal-applikazzjoni tal-miżuri preventivi previsti fid-DGSD;***

Or. en

Emenda 286

Matt Carthy, Fabio De Masi, Marisa Matias, Paloma López Bermejo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. Iqis li l-Unjoni Bankarja ma tissodisfax l-għan iddikjarat tagħha li tevita li jseħħu salvataġġi tal-bank iffinanzjati mill-kontribwenti fil-futur bħala riżultat tal-klawżola ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja fil-BRRD/l-SRM li permezz tagħha Stat Membru jista' jipprovdi flus pubbliċi lil bank f'diffikultà qabel ma tiġi skattata rikapitalizzazzjoni interna tal-kredituri għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja; iqis li r-rekwiżit tal-qsim tal-piżijiet fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat bl-istess mod jinkludi klawżola ta' "salvagwardja" li biha tista' tiġi evitata rikapitalizzazzjoni interna u l-fondi pubbliċi jintużaw għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja;

Or. en

Emenda 287

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. Jiddispijaċih għall-fatt li l-użu ppjanat tar-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja jikkontradixxi d-dispożizzjonijiet tal-BRRD li jeskludu b'mod ċar l-użu ta' din l-għodda biex jiġi kopert it-telf attwali u dak futur; jenfasizza li l-operazzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jnaddfu l-karti bilanċjali

*mill-piż tas-self improduttiv huma
ekwivalenti għar-rikonoxximent tat-telf
fuq dawn l-assi;*

Or. en

Emenda 288
Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*10a. Jitlob li jkun hemm riflessjoni
dwar l-impatt negattiv possibbli fuq l-
ekonomija reali mir-reviżjoni tar-regoli
ta' Basel, l-introduzzjoni tar-rekwiżiti
MREL, l-introduzzjoni tat-TLAC u l-
IFRS 9; jitlob li jkun hemm soluzzjoni li
l-għan tagħha jkun li ttaffi l-impatti;*

Or. en

Emenda 289
Mady Delvaux, Alfred Sant, Costas Mavrides

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*10a. Jenfasizza l-importanza li jiġu
kkjarifikati l-kwistjonijiet prattiċi li
qegħdin jaffettwaw direttament ir-
riżoluzzjoni, bħad-dipendenza fuq il-
fornituri tas-servizzi li jipprovdu servizzi
kritiċi, bħal pereżempju fil-każ ta' servizzi
tal-IT esternalizzati;*

Or. en

Emenda 290
Beatrix von Storch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. *Jirrifjuta kwalunkwe arranġament li jinvolvi kontinġenza ffinanzjata mill-kontribwent;*

Or. de

Emenda 291
Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10b. *Wara l-adozzjoni tal-pakketti l-ġodda mill-Kumitat ta' Basel, jitlob li jkun hemm perjodu ta' sospensjoni tar-regoli l-ġodda, sabiex jiġi stabbilizzat il-qafas ta' superviżjoni u biex jiġi ffaċilitat l-ippjanar tal-kapital u tal-likwidità tal-banek, li huma essenzjali għal appoġġ sod lill-ekonomija reali;*

Or. en

Emenda 292
Matt Carthy, Fabio De Masi, Marisa Matias, Paloma López Bermejo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10b. *Jemmen li r-rikapitalizzazzjoni interna tal-kredituri ta' 8 fil-mija biss se żżid biss proporzjon żgħir tal-ispejjeż tar-riżoluzzjoni, li huwa totalment*

insuffiċjenti; jinnota li fil-proċeduri ordinarji ta' insolvenza, l-investituri normalment jitilfu ħafna aktar minn 8 fil-mija;

Or. en

Emenda 293

Mady Delvaux, Jonás Fernández, Pervenche Berès, Alfred Sant

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10b. Jilqa' t-traspożizzjoni sħiħa tal-BRRD mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Bankarja;

Or. en

Emenda 294

Matt Carthy, Fabio De Masi, Marisa Matias, Paloma López Bermejo

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10c. Jemmen li r-rikapitalizzazzjoni interna għadha qed toħloq riskju għall-kontribwenti ordinarji f'numru ta' modi, inkluż primjums miżjuda fil-pensjonijiet u fl-assigurazzjoni tas-saħħa u fil-bejgħ inadatt ta' prodotti finanzjarji riskjużi eliġibbli għal rikapitalizzazzjoni interna għal investituri żgħar fil-livell tal-konsumatur; jitlob li jiġu introdotti rekwiżiti ta' divulgazzjoni stretta dwar il-fatturi ta' riskju għal titoli eliġibbli għal rikapitalizzazzjoni interna, sabiex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu protetti milli jiġu mibjugħa b'mod mhux adatt titoli bankarji mhux xierqa u ta'

Emenda 295

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li ***għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, jiġifieri dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna*** għar-riskju;

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita ***tal-ogħla standards*** tat-tnejn, ***inkluż fir-rigward tat-tnaqqis tal-parteċipazzjonijiet inkroċjati***, jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; ***jilqa' l-aħħar proposta tal-Kummissjoni biex fil-Pilastru 1a tiġi introdotta kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) għall-banek globali sistemikament importanti, iżda jinsab imħasseb ukoll dwar kull tnaqqis tar-rekwiżiti minimi attwali tal-UE għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)***; jenfasizza li ***rekwiżit TLAC tal-Pilastru 1 jenħtieġ li japplika wkoll għall-O-SIB, sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti MREL; jinnota bi tħassib li skont ir-rapport interim tal-EBA dwar il-MREL, il-livell medju tal-MREL huwa aktar baxx għall-G-SIB; jinsab imħasseb dwar il-fatt li permezz tal-proposti l-aktar riċenti tagħha, il-Kummissjoni tillimita d-diskrezzjoni tal-SRB u ta' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħra meta jstabilixxu MREL; iqis li l-kriterji tal-ass imwieżen għar-riskju sottostanti tal-istandards TLAC huma strettament interkonnessi mal-ħidma tal-BCBS għall-finalizzazzjoni***

tal-qafas Basel III, b'mod partikolari fir-rigward tar-restrizzjonijiet tal-użu tal-mudell intern għal ċerti skoperturi u l-introduzzjonijiet ta' limiti minimi;

Or. en

Emenda 296
Fulvio Martusciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. *Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, jiġifieri dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;*

Emenda

11. *Jenfasizza li, kemm l-istandards tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB, kif ukoll tal-MREL għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni tal-kriterji tad-daqs u tal-proporzjonalità; iqis li hemm bżonn ta' analiżi bir-reqqa:*
a) dwar ir-reġim tad-divulgazzjoni, li jevita kwalunkwe impatt fuq is-solidità tal-kapital tal-banek, xprunat mis-swieq u l-interpretazzjoni żbaljata tal-investitur tar-rekwiżiti MREL;
b) dwar il-kapaċità tas-suq relatata mal-obbligazzjonijiet eliġibbli MREL;

Or. en

Emenda 297
Danuta Maria Hübner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifier** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju **u għall-evitar tal-effetti ta' preċipizju bejn il-kategoriji differenti tal-banek li jkunu soġġetti għal riżoluzzjoni; jilqa' f'dan ir-rigward l-emendi proposti għas-CRR u l-allinjament aħjar taż-żewġ standards li huma jgħibu magħhom; jenfasizza li jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa fil-kalibrar u/jew id-dħul gradwali tar-rekwiżiti MREL, kif ukoll għall-ħtieġa li jinħoloq suq għall-obbligazzjonijiet MREL eliġibbli; jenfasizza l-importanza li tinżamm diskrezzjoni għall-awtorità tar-riżoluzzjoni meta jiġi stabbilit MREL;**

Or. en

Emenda 298

Sylvie Goulard, Ramon Tremosa i Balcells, Michael Theurer, Petr Ježek, Enrique Calvet Chambon, Lieve Wierinck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifier**

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv: **li jiżguraw li l-banek għandhom biżżejjed kapital regolatorju u obbligazzjonijiet ta' assorbiment tat-telf biex jagħmlu r-rikapitalizzazzjoni interna strument effettiv fir-riżoluzzjoni (mingħajr ma**

dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

*jikkawżaw instabbiltà finanzjarja u mingħajr ma jiġu bżonn il-flus pubbliċi); jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;*

Or. en

Emenda 299

Matt Carthy, Fabio De Masi, Marisa Matias, Paloma López Bermejo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; *jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;*

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; *ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istandards MREL jissodisfaw bis-sħiħ il-punti ta' riferiment tat-TLAC; jappoġġja rekwiżit ta' assorbiment tat-telf ibbażat fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ, li ma jiddependix fuq il-piżijiet tar-riskju u l-mudelli interni; jinnota li l-Assi Mwieżna għar-Riskju mhux dejjem huma indikaturi affidabbli tar-reżiljenza bankarja; jesprimi tħassib li l-inklużjoni tal-RWA fir-rekwiżit TLAC tista' tinċentiva lil megabanek biex jieħdu aktar riskji;*

Or. en

Emenda 300

Mady Delvaux, Alfred Sant, Costas Mavrides

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifier** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju; **jenfasizza li jenħtieġ li d-divulgazzjoni tas-suq issir b'mod xieraq, sabiex tiġi evitata l-interpretazzjoni ħażina tal-investituri rigward ir-reqwiżiti MREL;**

Or. en

Emenda 301
Paul Tang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifier** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv **li huwa li tiġi evitata s-soċjalizzazzjoni tar-riskji privati;** jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

Or. en

Emenda 302
Burkhard Balz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifier** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

Emenda

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jikkonkludi, għaldaqstant, li b'taħlita tat-tnejn jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf, **li jibni fuq it-TLAC bħala standard minimu**; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, **jiġifieri** dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;

Or. en

Emenda 303
Sander Loones

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, **madankollu**, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; **jikkonkludi, għaldaqstant, li** b'taħlita tat-tnejn **jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, jiġifier dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;**

Emenda

11. Jieħu nota **tal-proposti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fil-leġiżlazzjoni tal-UE; jieħu nota** tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; **jinnota l-approċċ olistiku tal-Kummissjoni għall-assorbiment tat-telf** b'taħlita tat-tnejn;

Or. en

Emenda 304
Sander Loones

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza, *madankollu*, li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; *jikkonkludi, għaldaqstant, li* b'taħlita tat-tnejn *jista' jintlaħaq approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta għall-preservazzjoni taż-żewġ kriterji, jiġifieri dawk tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju;*

Emenda

11. *Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fil-leġiżlazzjoni tal-UE; jieħu nota tad-differenzi bejn l-istandard tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) tal-FSB u l-MREL; jenfasizza li ż-żewġ standards għandhom l-istess objettiv; jinnota l-approċċ olistiku tal-Kummissjoni għall-assorbiment tat-telf* b'taħlita tat-tnejn;

Or. en

Emenda 305
Matt Carthy, Fabio De Masi, Marisa Matias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11a. *Iqis li ammont ta' assorbiment tat-telf ibbażat fuq ir-rekwiżiti tal-kapital ifalli fi kriżi tal-megabanek jekk il-problemi "kbar wisq biex ifallu" u "wisq interkonnessi biex ifallu" ma jiġux indirizzati b'separazzjoni strutturali bir-reqqa; jappoġġja l-fehma li l-limitu minimu MREL jenħtieġ li jiġi supplimentat b'miżura li tqis l-iskopertura ta' bank għall-periklu ta' istituzzjonijiet oħra, sabiex tiġi indirizzata l-problema "wisq interkonnessi biex tfalli";*

Emenda

Emenda 306
Sylvie Goulard, Enrique Calvet Chambon

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-evoluzzjoni tal-proċess globali li jistabbilixxi l-istandards għar-regolament prudenzjali u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu wara l-aktar żviluppi politiċi riċenti, b'mod partikolari t-twaqqif tal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Amerika;

Or. en

Emenda 307
Mady Delvaux, Jonás Fernández, Alfred Sant, Costas Mavrides

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11a. Jitlob li jkun hemm kalibrazzjoni bir-reqqa tal-rekwiżiti MREL fid-dawl tal-fatt li ammont sproporzjonat jinvolti spejjeż għoljin ta' finanzjament bla bżonn u jista' jnaqqas il-kapaċità tal-banek biex jiffinanzjaw l-ekonomija;

Or. en

Emenda 308
Sven Giegold
fisem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, **il-ġerarkija bejn** is-CET1 eliġibbli għall-MREL u **l-buffers kapitali**;

Emenda

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, **li** is-CET1 eliġibbli għall-MREL **jżied mal-buffers kapitali biex jiġi evitat li jingħadd darbtejn mal-kapital; jenfasisza l-ħtieġa li tiġi adottata leġiżlazzjoni bl-għan li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet u l-poteri tar-riżoluzzjoni u tal-awtoritajiet kompetenti għall-miżuri ta' intervent bikri li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' ksur tar-rekwiżiti MREL, inkluż it-teħid ta' azzjonijiet fil-każ ta' livell persistentement baxx tal-MREL kif ukoll id-deterjorament rapidu tagħhom; jitlob li jiġu inklużi l-linji gwida eżistenti tal-EBA dwar l-iskattar għall-użu tal-miżuri ta' intervent bikri fil-leġiżlazzjoni tal-Pilastru 1;**

Or. en

Emenda 309

Danuta Maria Hübner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. **Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, il-ġerarkija** bejn is-CET1 eliġibbli għall-MREL u l-buffers kapitali;

Emenda

12. **Jilqa' l-kjarifika fil-proposta għall-emendi tal-BRRD tal-ġerarkija** bejn is-CET1 eliġibbli għall-MREL u l-buffers kapitali, **kif ukoll il-flessibbiltà addizzjonali offruta mill-introduzzjoni tal-gwida MREL;**

Or. en

Emenda 310

Eva Paunova

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, il-ġerarkija bejn is-CET1 eliġibbli għall-MREL u l-buffers kapitali;

Emenda

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, il-ġerarkija bejn is-CET1 eliġibbli għall-MREL u l-buffers kapitali; ***itenni li jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f'kull każ tkun marbuta mill-qrib u ġustifikata mill-istrateġija tar-riżoluzzjoni tal-banek;***

Or. en

**Emenda 311
Danuta Maria Hübner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, fid-dawl tal-esperjenza u fi ħdan il-qafas tar-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, jekk l-SRB u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali humiex mgħammra b'poteri ta' intervent bikri suffiċjenti u bi strumenti ta' intervent bikri suffiċjenti, sabiex jiġu evitati flussi ta' ħruġ li huma ta' xkiel għall-kapital u l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-banek matul kriżi;

Or. en

**Emenda 312
Marco Valli, Marco Zanni**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Ifakkar li l-BRRD ma teskludi fl-ebda każ il-possibbiltà ta' salvataġġ kif previst mill-Artikoli 56 u 57 u li din ma tiksirx ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani, peress li l-għajnuna mill-Istat għadha permessa, kif inhu previst mill-Artikolu 23 tal-BRRD; jemmen li dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-kredibbiltà u l-effettività tar-regoli l-ġodda;

Or. en

Emenda 313
Danuta Maria Hübner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi *u biex tingħata ċ-ċertezza lill-investituri transkonfinali; jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni biex tmur oltre mill-armonizzazzjoni ta' din il-ġerarkija; jinnota li armonizzazzjoni aħjar tar-reġim ta' insolvenza regolari u tal-ġerarkija tat-talbiet se tkun essenzjali wkoll, kemm, fil-każ tal-banek, biex jiġu evitati d-diskrepanzi mar-reġim tar-riżoluzzjoni bankarja, kif ukoll, fil-każ ta' kumpaniji, biex jipprovdu ċarezza u ċertezza addizzjonali lill-investituri transkonfinali u tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-kwistjoni tal-NPLs;*

Or. en

Emenda 314
Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi; ***jstieden lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) jippreżenta r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà għall-G-SIB u banek oħra, inkluż il-miżuri proposti biex jingħelbu l-impedimenti għal riżoluzzjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li s'issa għad m'hemm l-ebda evidenza li turi li kwalunkwe bank ewlieni ġie mitlub jelimina l-ostakoli għar-riżolvibbiltà; jstieden lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jipprovdì lista komprensiva ta' ostakoli għar-riżolvibbiltà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Ewropea u jirrapporta dwar l-azzjonijiet meħuda mill-banek biex jeliminaw dawn l-ostakoli;***

Or. en

**Emenda 315
Eva Paunova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi; ***jilqa' l-fatt li l-BRRD għabiet bidla importanti fil-ġerarkija tal-insolvenza, billi tat prijorità lid-depożiti assicurati, sabiex b'hekk dawn***

jiġu kklassifikati bħala superjuri għall-istrumenti kapitali kollha, għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf, dejn superjuri ieħor u għad-depożiti mhux assigurati;

Or. en

Emenda 316
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi; *jenfasizza li l-qafas legali li huwa diġà fis-seħħ f'xi Stati Membri jenħtieġ li jitqies fir-rigward ta' din il-kwisjoni u li inċertezza legali għall-istituzzjonijiet finanzjarji affettwati jenħtieġ li tiġi evitata;*

Or. de

Emenda 317
Jakob von Weizsäcker

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir aktar* konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali, *kif ukoll biex jiġi żgurat li l-banek jżommu biżżejjed dejn subordinat jew dejn li jippermetti rikapitalizzazzjoni interna*, sabiex *tkun possibbli rikapitalizzazzjoni interna tal-istrumenti tad-dejn mingħajr ma jiġi*

kkaġunat paniku ġenerali fis-suq, sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD issir fattibbli, konsistenti u effikaċi;

Or. en

Emenda 318
Sander Loones

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi; *iqis li approċċ komuni għall-ġerarkija tal-kredituri tal-banek huwa prekondizzjoni meħtieġa għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti fil-livell tal-Unjoni Bankarji;*

Or. en

Emenda 319
Bernd Lucke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *ssir* aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD *issir* aktar konsistenti u effikaċi; *jinsab imħasseb dwar l-għadd kbir ta' eċċezzjonijiet li jmorru ferm lil hinn mid-depożiti sa EUR 100 000;*

Emenda 320

Sylvie Goulard, Ramon Tremosa i Balcells, Michael Theurer, Petr Ježek, Enrique Calvet Chambon

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD ssir aktar konsistenti u effikaċi;

Emenda

13. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD ssir aktar konsistenti u effikaċi; ***jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett;***

Emenda 321

Beatrix von Storch

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13a. Iwissi li l-bosta eċċezzjonijiet għar-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44 tal-BRRD jagħtu status speċjali lill-obbligazzjonijiet elenkati fih, għad-detriment tal-kredituri l-oħrajn kollha;

Emenda

Emenda 322

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

13a. *Jistieden lill-Kummissjoni tipproduċi b'urġenza, Att Delegat li jipprovdi kriterji li jiddefinixxu u jiżguraw il-kontinwità tal-"funzjonijiet kritiċi" skont l-Artikolu 2(2) tal-BRRD;*

Or. en

Emenda 323
Beatrix von Storch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

13b. *Jenfasizza li r-riżoluzzjoni tal-bank orjentata lejn is-suq ma tirrikonoxxi talbiet li għandhom status speċjali, u li permezz tiegħu dawn jiġu esklużi skont il-liġi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza;*

Or. de

Emenda 324
Beatrix von Storch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

14. *Jinnota l-firxa ta' alternattivi legali disponibbli biex tiġi żgurata s-subordinazzjoni ta' dejn eleġibbli għat-TLAC; jirrimarka li l-ebda waħda ma hija preferuta mill-FSB; huwa tal-fehma li l-approċċ adottat għandu, l-ewwel nett, isib bilanċ bejn il-flessibbiltà u ċ-ċertezza*

imħassar

legali;

Or. de

Emenda 325

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

